

32002R1696

L 259/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.9.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1696/2002**tat-23 ta' Settembru 2002****li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq importi ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni li joriġinaw fil-Ġappun.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni li kienu espressament eżentati mid-dazju definittiv kontra d-dumping.

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importi li jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni, wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURI PREĊEDENTI

- (1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 ⁽²⁾, impona dazju definittiv kontra d-dumping fuq importi ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni (TCS) li joriġinaw fil-Ġappun.
- (2) Fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament Nru 1015/94, il-Kunsill speċifikament eskluđa mill-iskop tad-dazju kontra d-dumping sistemi ta' kameras imniżżla fl-Anness ta' dak ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem l-Anness), li jirrap-preżentaw sistemi ta' kameras professjonali ta' kwalità għolja li teknikament jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott taħt l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1015/94, li iżda ma jistgħux ikunu kkonsidrati bħala sistemi ta' kameras tat-televiżjoni.
- (3) F'Ottubru 1995, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2474/95 ⁽³⁾, emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 imsemmi hawn fuq, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni ta' prodott simili u ċerti mudelli

- (4) F'Ottubru 1997, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1952/97 ⁽⁴⁾, emenda r-rati tad-dazju definittiv kontra d-dumping għal żewġ kunpaniji konċernati, jiġifieri għal Sony Corporation u Ikegami Tsushinki skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tat-22 Diċembru 1995 dwar preotezzjoni kontra importi li jifqgħu s-suq minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Bażiku). Barra minn dan, il-Kunsill speċifikament eskluđa mill-iskop tad-dazju kontra d-dumping ċerti mudelli ġodda ta' sistemi professjonali ta' kameras billi żiedhom fl-Anness.

- (5) F'Jannar 1999 u 2000, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 193/1999 ⁽⁵⁾ u r-Regolament (KE) Nru 176/2000 ⁽⁶⁾ emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 u żied ċerti mudelli suċċessuri ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness u b'hekk eskluđihom mill-applikazzjoni tad-dazju definittiv kontra d-dumping.

- (6) F'Settembru 2000, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2042/2000 ⁽⁷⁾, ikkonferma d-dazji definittivi kontra d-dumping li kienu imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku.

- (7) F'Jannar 2001 u f'Mejju 2001, il-Kunsill introduċa l-aħħar emendi għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli suċċessuri ta' sistemi ta' kameras professjonali fl-Anness u b'hekk eskluđihom mill-applikazzjoni tad-dazju definittiv kontra d-dumping.

(1) ĠU L 56, 06.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2238/2000 (ĠU L 257, tal-11.10.2000, p. 2).
 (2) ĠU L 111, tat-30.4.1994, p. 106. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 176/2000 (ĠU L 22, tas-27.1.2000, p. 29).
 (3) ĠU L 255, 25.10.95, p. 11.

(4) ĠU L 276, 09.10.97, p. 20.

(5) ĠU L 22, 29.01.99, p. 10.

(6) ĠU L 22, 27.01.00, p. 29.

(7) ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 951/2001 (ĠU L 134, tas-17.5.2001, p. 18).

- (8) Fl-aħħar, f'Settembru 2001, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1900/2001 ⁽¹⁾, wara revizzjoni temporanja skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku, ikkonferma l-livell tad-dazju definittiv kontra d-*dumping* impost fuq il-produttur li jesporta Hitachi Denshi Ltd.

2. INVESTIGAZZJONI DWAR MUDELLI ĠODDA TA' SISTEMI TA' KAMERAS PROFESSJONALI

2.1. Proċedura

- (9) Żewġ produtturi Ġappuniżi li jesportaw, jiġifieri Victor Company of Japan Limited (JVC) u Ikegami Tsushinki Co Ltd (Ikegami), informaw lill-Kummissjoni fis-17 ta' April 2001 u fit-12 ta' Ottubru 2001 rispettivament, li huma kellhom l-intenzjoni li jintroduċu mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali fis-suq tal-Komunità u talbu lill-Kummissjoni sabiex iżżied dawn il-mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali inklużi l-aċċessorji tagħhom fl-Anness u b'hekk teżenhom mill-iskop tad-dazji kontra d-*dumping*.
- (10) Il-Kummissjoni informat lill-industrija tal-Komunità b'dan u tat bidu għal investigazzjoni limitata għad-determinazzjoni ta' jekk il-prodotti li qiegħdin ikunu kkon-sidrati jaqgħux fl-iskop tad-dazji kontra d-*dumping* u jekk il-parti operattiva tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandiex tkun emendata għal dan l-għan.

2.2. Mudelli li qiegħdin ikunu investigati

- (11) L-applikazzjonijiet li kienu riċevuti kienu jikkonċernaw il-mudelli ta' sistemi ta' kameras li ġejjin, flimkien ma' l-informazzjoni teknika rilevanti:
- (i) JVC
 - Tagħmir għall-kontroll mill-bogħod tal-kamera RM-P210E;
 - (ii) Ikegami
 - head tal-kamera HDL-37E
 - head tal-kamera HDL-10
 - head tal-kamera HDL-40
 - tagħmir għall-kontroll tal-kamera MA-400
 - tagħmir għall-kontroll tal-kamera CCU-37
 - tagħmir għall-kontroll tal-kamera CCU-10
 - tagħmir għall-kontroll tal-kamera RCU-400
 - tagħmir għall-kontroll tal-kamera RCU-240A
 - adapter tal-kamera CA-450.

Il-mudelli kollha msemmija hawn fuq kienu preżentati bħala parti minn sistemi ta' kameras professjonali dedikati għas-suq tal-vidjo professjonali.

2.3. Tisjib

- (12) Il-Kummissjoni wettqet eżaminazzjoni teknika. Minn din l-analiżi irriżulta li, minkejja l-iżvilupp li wrew dawn

il-mudelli, dan ma kienx biżżejjed sabiex ikunu klassifikati bħala sistemi ta' kameras tax-xandir jew tat-televiżjoni. Għalhekk, kien deċiż li l-mudelli kollha għandhom ikunu esklużi mill-iskop tal-miżuri eżistenti kontra d-*dumping*.

- (13) Il-Kummissjoni informat lill-industrija tal-Komunità u l-esportatur tat-TCS bit-tisjib tagħha u tathom oppurtunità sabiex jippreżentaw il-ħsibijiet tagħhom. Fuq il-bażi tat-tisjib tal-Kummissjoni u fid-dawl tal-fatt li l-partijiet interressati ma oġġezzjonawx għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, il-mudelli kollha u l-apparat relatat imniżżel fil-premessa 11 huma kkon-sidrati bħala sistemi ta' kameras professjonali.
- (14) Wara l-iżvelar tat-tisjib imsemmi hawn fuq, produttur li jesporta, jiġifieri Ikegami, talab li l-mudelli ta' kameras prodotti u esportati minnu għandhom ikunu eżentati retroattivament mill-miżuri kontra d-*dumping* li qiegħdin fis-seħħ, irrispettivament mid-data ta' l-importazzjoni tagħhom. Kien argomentat li billi dawn il-mudelli nstabu li huma sistemi ta' kameras professjonali, id-dazju kontra d-*dumping* ma għandux japplika għal importi li saru qabel il-pubblikazzjoni tar-Regolament preżenti.
- (15) Sistemi ta' kameras imniżżla fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 jistgħu jkunu kkon-sidrati bħala eżentati mid-dazju, wara li jkun espressament determinat illi huma ma jistgħux jintużaw għal skopijiet ta' xandir. Tali determinazzjoni tista' issir biss wara eżaminazzjoni dettal-jata mill-istituzzjonijiet tal-Komunità ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema ta' kameras konċernata u, għalhekk, tali sistemi ta' kameras jistgħu jkunu eżentati mill-applikazzjoni tad-dazju biss mill-mument li deċiżjoni affermativa li jkun inkluż il-mudell in kwistjoni fl-Anness tkun ittieħdet. Billi hija hekk, l-eżenzjoni għandha fil-prinċipju tipproduċi l-effetti tagħha għall-futur biss, jiġifieri mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-Anness revizzjonat.
- (16) Madankollu, f'każijiet speċifiċi, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità sabu li kien xieraq illi jeżentaw ċerti sistemi ta' kameras professjonali mill-iskop tad-dazju kontra d-*dumping* b'effett retroattiv. F'dawn il-każijiet, il-mudelli ta' kameras taħt eżaminazzjoni kienu ġew importati fil-Komunità biss bejn il-mument tat-talba għal eżenzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-emenda rilevanti ta' l-Anness. Konse-gwentement dawn it-transazzjonijiet jistgħu jkunu identi-fikati fis-sistema ta' l-eżaminazzjoni mill-Kummissjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari kien ikkon-sidrat aċċettab-bli li ma jkunx impost id-dazju fuq l-importi li jsiru wara l-applikazzjoni għall-eżenzjoni.
- (17) Fil-każ preżenti, huwa rikjest effett retroattiv, irrispettivament mid-data ta' l-ewwel importi, u għalhekk ikun ikopri importi li saru qabel it-talba għal eżenzjoni. L-investigazzjoni wriet illi ċerti mudelli ta' kameras kon-ċernati kienu tassew ġew diġà importati qabel talba xierqa għal eżenzjoni kienet saret lill-Kummissjoni, minkejja li għall-ewwel Ikegami afferma li l-ebda import tal-mudelli soġġett għat-talba ma kien sar qabel tali talba.

⁽¹⁾ ĠU L 261, 29.09.01, p. 3.

- (18) Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, kien ikkonsidrat li effett retroattiv ma jistgħax jingħata għal importi li seħħew qabel ma saret talba għal eżenzjoni lill-Kummissjoni. Eżenzjonijiet jistgħu jingħataw biss fuq il-bażi ta' deċiżjoni affermattiva li jkunu nklużi ċerti tipi ta' kameras fl-Anness. Taseww in-natura tas-sistema ta' kameras in kwistjoni ma tistgħax tkun determinata qabel ma jinkisbu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mniżżla fit-talba għal eżenzjoni. Ma teżisti l-ebda possibiltà li l-Kummissjoni u l-Awtoritajiet ta' l-Istati Membri jevalwaw l-eżattezza tal-klassifikazzjonijiet CN magħmula minn produttori li jesportaw fir-rigward ta' mudelli ta' kameras li ma jkunux diġà inġabu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Bħala riżultat ta' dan, jekk l-eżenzjoni mid-dazju tingħata retroattivament għal data qabel id-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet l-applikazzjoni, ma jkun hemm l-ebda riskju fuq l-produtturi li jesportaw li jfittxu li jevitaw il-ħlas tad-dazju billi l-ewwel ifittxu li impurtaw l-mudelli tal-kameras tagħhom taħt kodiċi CN mhux appropjati, u b'hekk jevitaw id-dazju, u wara japplikaw għal eżenzjoni mid-data ta' l-ewwel importazzjoni meta u jekk l-irregolaritajiet jiġu għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet. Għalhekk, filwaqt illi talbiet għal effett retroattiv mid-data tar-riċeviment ta' l-applikazzjoni għal eżenzjoni jistgħu jkunu kkonsidrati, m'huwix xieraq li jkun estiż l-effett retroattiv għal importi li saru qabel ma saret talba, filwaqt li wieħed jieħu in konsiderazzjoni b'mod partikolari r-riskju serju ta' l-evażjoni tal-miżuri.
- (19) Għalhekk, huwa deċiż li importi ta' mudelli ta' kameras ta' l-Ikegami suġġetti għall-eżaminazzjoni importati f'data fil-jew wara l-ġurnata tar-riċeviment ta' l-applikazzjoni għal eżenzjoni, jiġifieri fit-jew wara t-12 ta' Ottubru 2001, għandhom ikunu eżentati mid-dazju.
- (20) Għal dawn l-istess raġunijiet, huwa deċiż li mudelli ta' kameras tal-JVC ukoll suġġetti għall-eżaminazzjoni preżenti għandhom ikunu eżentati mid-dazju mid-data tar-riċeviment ta' l-applikazzjoni għal eżenzjoni mill-Kummissjoni, jiġifieri mis-17 ta' April 2001,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika fil-konfront ta' importi tal-mudelli li ġejjin li jkunu prodotti u esportati fil-Komunità Ewropea mill-produtturi li jesportaw li ġejjin mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċeviet it-talba rilevanti għal eżenzjoni mid-dazju definittiv kontra d-dumping għal dawn il-mudelli, kif speċifikat hawn taħt:

(a) Ikegami Tsushinki Co Ltd mit-12 ta' Ottubru 2001:

- *head* tal-kamera HDL-37E
- *head* tal-kamera HDL-10
- *head* tal-kamera HDL-40
- tagħmir għall-kontroll tal-kamera MA-400
- tagħmir għall-kontroll tal-kamera CCU-37
- tagħmir għall-kontroll tal-kamera CCU-10
- tagħmir għall-kontroll mill-bogħod RCU-400
- tagħmir għall-kontroll mill-bogħod RCU-240A
- adapter al-kamera CA-450;

(b) Victor Company of Japan Limited mis-17 ta' April 2001:

- tagħmir għall-kontroll mill-bogħod RM-P210E.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Settembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FISCHER BOEL

L-ANNESS

“L-ANNESS

**Lista ta' sistemi ta' kameras professjonali li ma jikkwalifikawx bħala sistemi ta' kameras tat-televiżjoni
(sistemi ta' kameras tax-xandir) li huma eżentati mill-miżuri**

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Viewfinder	Tagħmir għall-kontroll tal-kamera	Tagħmir għall-kontroll operazzjonali	Tagħmir għall-kontroll master (*)	Adapter tal-kamera
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P			CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE	CUU-M5AP ⁽¹⁾			CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 ⁽¹⁾
	DXC-327APK	DXF-40BĊE				
	DXC-327APL	DXF-50BĊE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE ⁽¹⁾				
	DXC-537PL	DXF-801CE ⁽¹⁾				
	DXC-537PH					
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					
	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP ⁽¹⁾					
	DXC-D35PH ⁽¹⁾					
	DXC-D35PL ⁽¹⁾					
	DXC-D35PK ⁽¹⁾					
	DXC-D35WSPL ⁽¹⁾					
	DSR-135PL ⁽¹⁾					

(*) Għandhom l-isem ukoll ta' Unit set up mexxej (MSU) jew panil kontrollatriċi mexxejja (MCP).

(1) Il-mudelli eżentati taħt il-kondizzjonijiet li jikkorrispondu is-sistema triax jew triax-adaoter ma jinbigħux fis-suq tal-KE.

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Viewfinder	Tagħmir għall-kontroll tal-kamera	Tagħmir għall-kontroll operazzjonali	Tagħmir għall-kontroll master (*)	Adapter tal-kamera
Ikegami	HC-340 HC-300 HC-230 HC-240 HC-210 HC-390 LK-33 HDL-30MA HDL-37 HC-400 (1) HC-400W (1) HDL-37E HDL-10 HDL-40	VF15-21/22 VF-4523 VF15-39 VF15-46 (1) VF5040 (1) VF5040W (1)	MA-200/230 MA-200A (1) MA-400 (1) CCU-37 CCU-10	RCU-240 RCU-390 (1) RCU-400 (1) RCU-240A	—	CA-340 CA-300 CA-230 CA-390 CA-400 (1) CA-450 (1)
Hitachi	SK-H5 SK-H501 DK-7700 DK-7700SX HV-C10 HV-C11 HV-C10F Z-ONE (L) Z-ONE (H) Z-ONE Z-ONE A (L) Z-ONE A (H) Z-ONE A (F) Z-ONE A Z-ONE B (L) Z-ONE B (H) Z-ONE B (F) Z-ONE B Z-ONE B (M) Z-ONE B (R) FP-C10 (B) FP-C10 (C) FP-C10 (D) FP-C10 (G) FP-C10 (L) FP-C10 (R) FP-C10 (S) FP-C10 (V) FP-C10 (F) FP-C10 FP-C10 A FP-C10 A (A) FP-C10 A (B)	GM-5 (A) GM-5-R2 (A) GM-5-R2 GM-50 GM-8A (1) GM-9 (1) GM-51 (1)	RU-C1 (B) RU-C1 (D) RU-C1 RU-C1-S5 RU-C10 (B) RU-C10 (C) RC-C1 RC-C10 RU-C10 RU-Z1 (B) RU-Z1 (C) RU-Z1 RC-C11 RU-Z2 RC-Z1 RC-Z11 RC-Z2 RC-Z21 RC-Z2A (1) RC-Z21A (1) RU-Z3 (1) RC-Z3 (1)	—	—	CA-Z1 CA-Z2 CA-Z1SJ CA-Z1SP CA-Z1M CA-Z1M2 CA-Z1HB CA-C10 CA-C10SP CA-C10SJA CA-C10M CA-C10B CA-Z1A (1) CA-Z31 (1) CA-Z32 (1) CA-ZD1 (1)

(*) Għandhom l-isem ukoll ta' Unit set up mexxej (MSU) jew panil kontrollatriċi mexxejja (MCP).

(1) Il-mudelli eżentati taħt il-kondizzjonijiet li jikkorrispondu is-sistema triax jew triax-adaoter ma jinbigħux fis-suq tal-KE.

Lsem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Viewfinder	Tagħmir għall-kontroll tal-kamera	Tagħmir għall-kontroll operazzjonali	Tagħmir għall-kontroll master (*)	Adapter tal-kamera
Hitachi (ikompli)	FP-C10 A (C) FP-C10 A (D) FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R) FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA (1) V-21 (1) V-21W (1)					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B AW-VF80	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE

(*) Għandhom l-isem ukoll ta' Unit set up mexxej (MSU) jew panil kontrollatriċi mexxejja (MCP).

(1) Il-mudelli eżentati taħt il-kondizzjonijiet li jikkorrispondu is-sistema triax jew triax-adaoter ma jinbigħux fis-suq tal-KE.

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Viewfinder	Tagħmir għall-kontroll tal-kamera	Tagħmir għall-kontroll operazzjonali	Tagħmir għall-kontroll master (*)	Adapter tal-kamera
JVC	KY-35E KY-27ECH KY-19ECH KY-17FITECH KY-17BECH KY-F30FITE KY-F30BE KY-27CECH KH-100U KY-D29ECH KY-D29WECH ⁽¹⁾	VF-P315E VF-P550E VF-P10E VP-P115E VF-P400E VP-P550BE VF-P116 VF-P116WE ⁽¹⁾ VF-P550WE ⁽¹⁾	RM-P350EG RM-P200EG RM-P300EG RM-LP80E RM-LP821E RM-LP35U RM-LP37U RM-P270EG RM-P210E	—	—	KA-35E KA-B35U KA-M35U KA-P35U KA-27E KA-20E KA-P27U KA-P20U KA-B27E KA-B20E KA-M20E KA-27E
Olympus	MAJ-387N MAJ-387I		OTV-SX2 OTV-S5 OTV-S6			
	Kamera OTV-SX					

(*) Għandhom l-isem ukoll ta' Unit set up mexxej (MSU) jew panil kontrollatriċi mexxejja (MCP).

⁽¹⁾ Il-mudelli eżentati taħt il-kondizzjonijiet li jikkorrispondu is-sistema triax jew triax-adaoter ma jinbigħux fis-suq tal-KE.”